# Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)

## *Mistoqsijiet frekwenti*

## Objettivi, baġit u qafas

*X'inhu l-FEMSA?*

Il-FEMSA huwa **fond tal-UE** li jkopri mill-**2021 sal-2027**. Huwa jalloka riżorsi finanzjarji mill-baġit tal-UE biex jappoġġa l-**politika komuni tas-sajd (PKS) tal-UE**, il-**politika marittima tal-UE** u l-**aġenda tal-UE għall-governanza internazzjonali tal-oċeani**.

Huwa jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp ta' proġetti innovattivi **li jiżguraw li r-riżorsi akkwatiċi u marittimi jintużaw b'mod sostenibbli**.

Dan jgħin biex jintlaħqu l-objettivi tal-**Patt Ekoloġiku Ewropew**, il-pjan direzzjonali għall-politiki ambjentali u klimatiċi tal-UE.

*X'inhu l-iskop tal-FEMSA?*

Bħala attur globali tal-oċeani u produttur ewlieni tal-frott tal-baħar, l-UE għandha r-responsabbiltà li tipproteġi u li tuża b'mod sostenibbli l-oċeani u r-riżorsi tagħhom. Huwa wkoll fl-interess soċjoekonomiku tal-UE li tiggarantixxi d-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel, il-kompetittività tal-ekonomija marittima u l-għajxien tal-komunitajiet kostali.

Il-FEMSA jgħin biex jinkiseb sajd sostenibbli u jiġu kkonservati r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar. Dan iwassal għal:

- **ibħra u oċeani f'saħħithom, sikuri u ġestiti b'mod sostenibbli**
- **sigurtà alimentari** permezz tal-provvista ta' prodotti ta' frott tal-baħar
- tkabbir ta' **ekonomija blu sostenibbli**.

Dan jgħin ukoll biex jintlaħaq l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14 tan-NU ("*il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani, tal-ibħra u tar-riżorsi tal-baħar*"), li għalih hija impenjata l-UE.

Madankollu, il-FEMSA huwa fond żgħir, għalhekk irid jintuża b'mod strateġiku. Kull euro investit għandu jiġġenera ħafna aktar f'termini ta' benefiċċji kollettivi u ta' ġid komuni. Għalhekk, il-finanzjament tal-FEMSA għandu jappoġġa l-investiment li għandu **valur miżjud** ċar, b'mod partikolari billi jindirizza l-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali.

L-appoġġ pubbliku ma għandux jidduplika jew jeskludi l-finanzjament privat u lanqas ifixkel il-kompetizzjoni. Minflok, huwa għandu jiffaċilita l-investiment privat, speċjalment fejn is-settur privat ikun profittabbli, bħalma hija l-ekonomija marittima b'mod ġenerali.

*X'inhuma l-azzjonijiet ewlenin appoġġati mill-FEMSA?*

Il-FEMSA jappoġġa proġetti innovattivi li jikkontribwixxu għall-użu u l-ġestjoni sostenibbli ta' riżorsi akkwatiċi u marittimi.

B'mod partikolari, huwa jiffaċilita:

- attivitajiet ta' sajd sostenibbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju
- il-protezzjoni tal-bijodiversità u tal-ekosistemi tal-baħar
- il-provvista lill-konsumaturi Ewropej ta' frott tal-baħar ta' kwalità u tajjeb għas-saħħa
- l-attraenza soċjoekonomika u t-tiġdid ġenerazzjonali tas-settur tas-sajd, b'mod partikolari fir-rigward tas-sajd kostali fuq skala żgħira
- l-iżvilupp ta' akkwakultura sostenibbli u kompetittiva li tikkontribwixxi għas-sigurtà alimentari
- it-titjib tal-ħiliet u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-sajd u fl-akkwakultura
- il-vitalità ekonomika u soċjali tal-komunitajiet kostali
- l-innovazzjoni fl-ekonomija blu sostenibbli
- is-sigurtà marittima li tikkontribwixxi għal spazju marittimu sikur
- il-kooperazzjoni internazzjonali li tikkontribwixxi għal oċeani f'saħħithom, sikuri u ġestiti b'mod sostenibbli.

### *X'inhu l-baġit tal-FEMSA u kif jitqassam?*

Il-FEMSA huwa pprogrammat għall-perjodu 2021-2027 b'baġit ta' **EUR 6.108 biljun**.

Il-ġestjoni tal-programm hija maqsuma bejn "ġestjoni kondiviża" u "ġestjoni diretta":

- **ġestjoni kondiviża – EUR 5.311 biljun** huma pprovduti permezz ta' programmi nazzjonali kofinanzjati mill-baġit tal-UE u mill-pajjiżi tal-UE
- **ġestjoni diretta – EUR 797 miljun** huma pprovduti direttament mill-Kummissjoni.

### *X'inhu l-qafas tal-FEMSA?*

Taħt **"ġestjoni kondiviża"**, il-FEMSA hija amministrata permezz ta' programmi nazzjonali approvati mill-Kummissjoni. F'dan il-każ, il-pajjiżi tal-UE jiddeskrivu fil-programmi tagħhom l-aħjar mod għalihom biex jissodisfaw l-objettivi tal-fond. Huma jidentifikaw azzjonijiet f'konformità mal-istrateġija nazzjonali tagħhom u jagħżlu l-proġetti eliġibbli f'konformità mal-kriterji tagħhom stess.

Madankollu, ir-Regolament dwar il-FEMSA jistabbilixxi lista ta' operazzjonijiet mhux eliġibbli għall-appoġġ, u b'hekk jipprevjeni kwalunkwe ħsara lis-sostenibbiltà tas-sajd. Barra minn hekk, ċerti investimenti u skemi ta' kumpens għall-flotta tas-sajd huma soġġetti għal kundizzjonijiet speċifiċi biex jiġi żgurat li jkunu konsistenti mal-objettivi ta' konservazzjoni tal-PKS.

Taħt **"ġestjoni diretta"**, il-Kummissjoni tamministra direttament il-fond permezz ta' programmi ta' ħidma adottati mill-Kumitat tal-FEMSA, li huwa magħmul minn grupp ta' esperti maħtura mill-pajjiżi tal-UE.

## Kundizzjonijiet orizzontali

***X'kundizzjonijiet jeżistu biex jiġi żgurat li l-FEMSA jimmira lejn azzjonijiet b'valur miżjud kollettiv?***

Diversi kundizzjonijiet jiżguraw li l-azzjonijiet b'valur miżjud kollettiv jingħataw prijorità (eż. il-protezzjoni tal-bijodiversità, is-sajd sostenibbli, l-innovazzjoni, l-organizzazzjoni kollettiva tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, l-iżvilupp lokali) aktar milli investimenti individwali b'valur miżjud aktar baxx.

- **5 kategoriji** ta' **investimenti individwali fuq il-bastimenti tas-sajd huma limitati** finanzjarjament – flimkien ma jistgħux jaqbżu 15 % tal-baġit allokat għal kull pajjiż tal-UE – biex tiġi evitata l-esklużjoni tar-riżorsi minn azzjonijiet b'valur miżjud akbar.

- Mill-inqas **15 %** tal-baġit allokat għal kull pajjiż tal-UE jrid imur għal **2 pedamenti tal-PKS** biex jiġu żgurati riżorsi suffiċjenti għall-objettivi tagħhom: i) il-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd u ii) il-ġbir ta' *data* xjentifika għall-ġestjoni tas-sajd.

- Ir-rata tal-għajnuna pubblika tiddependi fuq il-valur miżjud tal-investiment. Proġetti b'**valur miżjud kollettiv għoli** (eż. innovazzjoni, benefiċjarji kollettivi, aċċess pubbliku għar-riżultati) jistgħu jirċievu sa **100 %**, filwaqt li ċerti sussidji individwali tal-flotta ma jistgħux jaqbżu l-40 %.

- L-appoġġ għall-investimenti abbord ma jistax jingħata sempliċiment għall-konformità mar-rekwiżiti li huma obbligatorji skont id-dritt tal-Unjoni, ħlief għal ċertu apparat użat għall-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd. Is-sussidji għandhom jinkoraġġixxu mġiba li tmur **lil hinn minn sempliċi konformità** mal-liġi.

- **Ċerti sussidji huma riżervati** għal **bastimenti tas-sajd żgħar u ta' daqs medju** (jiġifieri b'tul ta' inqas minn 24 metru). Huma jintużaw biex:
    - jissostitwixxu jew jimmodernizzaw il-magni
    - jgħinu lis-sajjieda żgħażagħ jiksbu, għall-ewwel darba, bastiment użat
    - iżidu l-volum tal-bastiment biex jittejbu s-sikurezza, il-kundizzjonijiet tax-xogħol jew l-effiċjenza enerġetika.

  Bastimenti akbar huma aktar profittabbli b'mod ġenerali u għandhom jużaw il-flus privati għal dawn l-investimenti speċifiċi.

***X'jiġri jekk il-benefiċjarji tal-FEMSA jew il-pajjiżi tal-UE ma jkunux konformi mar-regoli tal-PKS?***

L-appoġġ tal-FEMSA jiġi pprovdut soġġett għall-**konformità mar-regoli tal-PKS**. F'każijiet fejn benefiċjarju jikkommetti ksur serju (eż. sajd illegali) jew pajjiż tal-UE ma jkunx konformi ma' obbligu speċifiku, il-finanzjament jiġi interrott, sospiż jew ikkoreġut.

***Għaliex huma meħtieġa kundizzjonijiet għall-investimenti fil-flotta tas-sajd?***

Is-sussidji għall-investiment fil-bastimenti tas-sajd jistgħu jżidu l-kapaċità tas-sajd tagħhom u, konsegwentement, il-kapaċità tagħhom li jaqbdu l-ħut, li tista' twassal għal **sajd eċċessiv**. Pereżempju, bastiment b'buq akbar u/jew b'magna aktar b'saħħitha jista' jaqbad il-ħut għal żmien itwal b'rata aktar mgħaġġla u jkompli jivvjaġġa biex jagħmel dan, u b'hekk tiżdied il-pressjoni fuq l-istokkijiet tal-ħut.

Barra minn hekk, hemm kapaċità strutturali żejda f'ċerti segmenti tal-flotta tas-sajd, li jfisser li **hemm wisq bastimenti li qed jiġru wara ftit wisq ħut**. Iż-żieda fil-kapaċità tas-sajd f'dawn is-segmenti tirriżulta f'sajd eċċessiv kontinwu.

Għalhekk, il-FEMSA jinkludi **salvagwardji** għal ċerti sussidji tal-flotta biex jiġu evitati dawn l-effetti dannużi. Pereżempju, il-bastiment irid jappartjeni għal segment tal-flotta tas-sajd mingħajr kapaċità strutturali żejda, u ma jistax jingħata appoġġ biex tiżdied il-potenza tal-bastiment.

Madankollu, mhux is-sussidji tal-flotta kollha huma dannużi. B'kundizzjonijiet xierqa, dawn jistgħu **jikkontribwixxu b'mod pożittiv** għas-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika, eż. investimenti f'tekniki tas-sajd b'impatt baxx, fis-sikurezza abbord jew fl-effiċjenza enerġetika. Dawn l-investimenti huma eliġibbli għall-appoġġ tal-FEMSA.

***Hemm sussidji tas-sajd dannużi fil-FEMSA?***

Le, il-FEMSA ma fih l-ebda sussidju tas-sajd dannuż.

L-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14.6 tan-NU jiddeskrivi dawn bħala "*sussidji tas-sajd li jikkontribwixxu għal kapaċità żejda u sajd eċċessiv, u* (...) *li jikkontribwixxu għal sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat*". L-UE impenjat ruħha li tipprojbixxihom.

Sabiex jiġu evitati dawn is-sussidji, ir-Regolament dwar il-FEMSA jinkludi **lista ta' operazzjonijiet ineliġibbli** (eż. il-bini ta' bastimenti tas-sajd ġodda, iż-żieda fil-potenza tal-bastimenti tas-sajd) u **sett ta' kundizzjonijiet** għall-prevenzjoni ta' effetti dannużi, inklużi effetti indiretti (eż. ċerti investimenti jistgħu jiġu appoġġati biss f'segmenti tal-flotta tas-sajd mingħajr kapaċità strutturali żejda).

# Oqsma ta' appoġġ speċifiċi

*Il-FEMSA kif jgħin fil-protezzjoni/fir-restawr tal-bijodiversità?*

Bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-UE adottat strateġija dwar il-bijodiversità biex tipproteġi aħjar in-natura u treġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistema. Il-FEMSA huwa kontributur ewlieni fir-rigward tal-ilħuq tal-objettivi tal-istrateġija. B'mod partikolari, huwa jgħin:

- fil-promozzjoni ta' **attivitajiet ta' sajd sostenibbli, b'impatt baxx** u **b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju** (eż. il-ġbir ta' *data* xjentifika biex issostni l-ġestjoni sostenibbli tas-sajd, l-eliminazzjoni ta' qabdiet mhux mixtieqa, il-protezzjoni ta' speċijiet sensittivi, it-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti tas-sajd)

- fil-protezzjoni u r-restawr tal-**bijodiversità tal-baħar u tal-ekosistemi** biex jinkiseb status ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar (eż. permezz tal-ħolqien u l-ġestjoni ta' żoni tal-baħar protetti, l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni spazjali stabbiliti mid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, il-protezzjoni tal-ispeċi f'konformità mad-Direttiva dwar il-Ħabitats)

- fil-promozzjoni tal-**ekonomija ċirkolari** (eż. permezz tal-ġbir u r-riċiklaġġ ta' rkaptu tas-sajd mitluf u skart tal-baħar u ż-żieda fil-valur tal-iskart mis-sajd u l-akkwakultura)

- fil-promozzjoni ta' produzzjoni tal-**akkwakultura sostenibbli** u **effiċjenti fl-użu tal-enerġija**.

*Il-FEMSA kif jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament għalih fis-sajd u fl-akkwakultura?*

Il-FEMSA jista' jintuża biex titnaqqas l-impronta tal-karbonju tas-sajd u tal-akkwakultura. L-azzjonijiet possibbli jinkludu:

- l-innovazzjoni f'**teknoloġija effiċjenti fis-CO2** għall-propulsjoni tal-bastimenti tas-sajd (eż. provi fuq karburanti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju bħall-gass naturali likwifikat, il-bijogass likwifikat jew il-propulsjoni elettrika ibrida; ir-riċerka preparatorja dwar it-teħid ta' fjuwil bl-idroġenu)

- is-sostituzzjoni jew l-immodernizzar tal-magni tal-bastimenti tas-sajd biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ tagħhom (f'kundizzjonijiet speċifiċi biex tiġi evitata żieda fil-potenza, u b'hekk fil-kapaċità tas-sajd)

- it-titjib tal-**effiċjenza enerġetika** tal-bastimenti tas-sajd (eż. permezz ta' idrodinamika aħjar)

- l-iżvilupp ta' sorsi tal-għalf tal-akkwakultura b'impatt aktar baxx

- it-tranżizzjoni lejn produzzjoni tal-akkwakultura effiċjenti fl-użu tal-enerġija (eż. l-użu ta' enerġija rinnovabbli)

Il-FEMSA jgħin ukoll lis-sajd u l-akkwakultura jadattaw għall-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima permezz ta':

- finanzjament tal-ġbir ta' ***data* xjentifika** biex jinftiehem aħjar kif it-tibdil fil-klima jaffettwa l-ġestjoni tas-sajd (eż. fir-rigward tal-impatt tal-migrazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut u tal-ispeċijiet invażivi)
- għajnuna lill-akkwakultura biex issir aktar **reżiljenti** għat-tibdil fil-klima (eż. permezz tad-diversifikazzjoni tal-produzzjoni għal speċijiet aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima, il-ġestjoni ta' mard/parassiti mhux previsti li jirriżultaw minn bidliet fil-meded tat-temperatura, it-tisħiħ tar-reżiljenza għal avvenimenti estremi, nixfiet u kundizzjonijiet varjabbli oħrajn).

***Sa liema punt il-FEMSA jgħin biex jintlaħqu l-miri klimatiċi u tal-bijodiversità stabbiliti fil-baġit pluriennali tal-UE?***

Il-baġit tal-UE għall-perjodu 2021-2027 (jiġifieri l-"qafas finanzjarju pluriennali") jistabbilixxi miri ta' nfiq għall-objettivi tal-klima u tal-bijodiversità:

- **30 %** tal-baġit se jintefaq fuq il-ġlieda kontra **t-tibdil fil-klima**

- Fl-2026 u fl-2027, **10 %** tal-infiq annwali taħt il-baġit se jikkontribwixxi biex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-tnaqqis tal-**bijodiversità**.

Minkejja li l-FEMSA ma jinkludix mira vinkolanti speċifika jew iżolament tar-riżorsi finanzjarji għall-klima u l-bijodiversità, huwa qed jgħin b'mod attiv biex jintlaħqu l-miri komuni stabbiliti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Il-Kummissjoni timmonitorja regolarment il-livell tal-kontribuzzjoni tal-FEMSA f'dan ir-rigward billi tuża d-*data* kollha disponibbli. Jekk ma jsirx biżżejjed progress sabiex tintlaħaq l-ambizzjoni ġenerali, il-Kummissjoni timpenja ruħha b'mod attiv mal-pajjiżi tal-UE biex tadotta miżuri ta' rimedju, inkluż l-emendar tal-programm tal-FEMSA tagħhom.

***Il-FEMSA kif jgħin biex jintlaħqu l-objettivi tal-PKS?***

Il-PKS għandha l-għan li tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment **sostenibbli** fit-tul u jiġu ġestiti b'mod li jkun konsistenti mal-objettivi li **jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi**, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà ta' **provvisti tal-ikel**.

Il-FEMSA jappoġġa dawn l-objettivi permezz tal-azzjonijiet elenkati li ġejjin:

- it-trawwim ta' **attivitajiet ta' sajd sostenibbli** fit-tul (il-promozzjoni ta' tekniki tas-sajd b'impatt baxx u selettivi, l-evitar ta' qabdiet mhux mixtieqa)

- il-provvediment ta' kundizzjonijiet sabiex is-settur tas-sajd ikun **kompetittiv**

- l-appoġġ għall-**ġestjoni strutturali** tas-sajd u tal-flotot tas-sajd (l-eliminazzjoni tal-kapaċità żejda tal-flotta, l-appoġġ għal miżuri għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar)

- il-promozzjoni ta' **suq effiċjenti** għall-prodotti tas-sajd

- il-kontribut għal **standard tal-għajxien ġust** fiż-żoni kostali

- il-ġbir ta' ***data* xjentifika** biex issostni l-ġestjoni tas-sajd

- l-appoġġ għall-**kontroll** tal-attivitajiet tas-sajd u l-promozzjoni ta' kultura ta' konformità biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.

***Taħt liema kundizzjonijiet il-FEMSA jappoġġa l-investimenti abbord il-bastimenti tas-sajd?***

Il-FEMSA jista' jappoġġa l-innovazzjoni u l-investimenti abbord il-bastimenti tas-sajd sabiex **jintlaħqu l-objettivi tal-PKS**. Dak l-appoġġ jinkludi azzjonijiet li jtejbu s-sostenibbiltà, is-selettività tal-irkaptu, is-sikurezza, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-effiċjenza enerġetika u l-kwalità tal-qabdiet.

Madankollu, hemm **restrizzjonijiet immirati** biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u l-valur miżjud tal-investiment.

- L-akkwist ta' apparat li jżid il-kapaċità ta' bastiment tas-sajd li jsib il-ħut ma huwiex eliġibbli, minħabba li jgħin lil bastiment isir effiċjenti żżejjed għad-detriment tas-sostenibbiltà.

- L-appoġġ ma għandux iżid il-kapaċità tas-sajd tal-bastimenti, sakemm dan ma jirriżultax direttament minn żieda fit-tunnellaġġ gross (jiġifieri l-volum tal-bastiment) li hija meħtieġa għat-titjib tas-sikurezza, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol jew tal-effiċjenza enerġetika.

- L-appoġġ ma jistax jingħata sempliċiment għall-konformità mar-rekwiżiti li huma obbligatorji skont id-dritt tal-Unjoni, ħlief għal ċertu apparat użat għall-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd. Is-sussidji għandhom jinkoraġġixxu mġiba li tmur lil hinn minn sempliċi konformità mal-liġi.

- L-investimenti abbord ma jistgħux jingħataw għal bastimenti li kienu fil-biċċa l-kbira inattivi matul is-sentejn preċedenti minħabba li l-investiment għandu jiffoka fuq bastimenti attivi.

- Ċerti investimenti fil-flotta tas-sajd huma soġġetti għal regoli speċifiċi ta' eliġibbiltà biex ma jitħallewx jiġġeneraw kapaċità żejda jew sajd eċċessiv. B'mod partikolari, l-appoġġ mogħti i) lis-sajjieda żgħażagħ biex jgħinhom jakkwistaw, għall-ewwel darba, bastiment użat u ii) għas-sostituzzjoni jew l-immodernizzar tal-magna ta' bastiment huwa soġġett għal kundizzjonijiet, eż. il-bastiment irid jappartjeni għal segment tal-flotta tas-sajd mingħajr kapaċità strutturali żejda u l-magna ġdida jew immodernizzata ma jridx ikollha aktar potenza mill-magna li tkun qed tiġi sostitwita.

***Għaliex il-kostruzzjoni ta' bastimenti tas-sajd ġodda ma hijiex eliġibbli għall-appoġġ tal-FEMSA? Il-bastimenti moderni ġodda ma humiex aktar sikuri u aktar sostenibbli?***

Is-sussidji tal-UE għall-bini jew l-akkwist ta' bastimenti tas-sajd ġodda ntemmu fl-2004 minħabba li kienu kkontribwew għal sitwazzjoni serja ħafna ta' **kapaċità żejda u sajd eċċessiv**. Anki jekk il-bastimenti ġodda jkunu aktar sikuri u aktar effiċjenti, huma jistgħu jaqbdu l-ħut għal żmien itwal b'rata aktar mgħaġġla, u jivvjaġġaw aktar biex jagħmlu dan, u b'hekk tiżdied il-pressjoni fuq l-istokkijiet tal-ħut.

Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda falliment tas-suq jew benefiċċju kollettiv li jiġġustifika l-appoġġ pubbliku għall-bini ta' bastimenti ġodda. B'mod ġenerali, il-flotta tas-sajd Ewropea hija profittabbli u l-aċċess għall-kreditu ma jidhirx li huwa problema għas-settur tas-sajd. Għalhekk, ma hemm l-ebda raġuni biex jintużaw il-flus tal-kontribwenti biex jiġu ffinanzjati bastimenti tas-sajd ġodda għal qligħ privat individwali.

Ir-regoli tal-PKS jippermettu li l-bastimenti tas-sajd ġodda jinbnew bi flus privati flimkien ma' salvagwardji maħsuba biex jipprevjenu li tiżdied il-kapaċità tas-sajd tal-flotta. B'mod konkret, kwalunkwe kapaċità tas-sajd ġdida (ikkwantifikata fil-volum u l-potenza tal-bastimenti) li tidħol fil-flotta trid tiġi kkumpensata b'mill-inqas l-istess ammont ta' kapaċità li tkun qed tiġi rtirata (eż. permezz tad-dekummissjonar ta' bastiment antik). Skont il-PKS, b'hekk, il-pajjiżi tal-UE għandhom biżżejjed flessibbiltà biex jimmaniġġaw id-dħul fil-flotta tagħhom u l-ħruġ minnha u biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' investiment tas-settur tas-sajd b'mod sostenibbli.

***Il-FEMSA jista' jappoġġa ż-żieda fil-volum (ikkwantifikata f'"tunnellaġġ gross") tal-bastimenti tas-sajd. Billi t-tunnellaġġ gross huwa parametru tal-kapaċità tas-sajd, x'kundizzjonijiet hemm fis-seħħ biex tiġi evitata l-kapaċità żejda?***

Iż-żieda fil-volum ta' bastiment tas-sajd tfisser li dan isir akbar. Dan jista' jtejjeb is-sikurezza abbord, iżda jista' jżid ukoll il-kapaċità ta' bastiment li jaqbad u jaħżen il-ħut, u b'hekk ir-riskju ta' sajd eċċessiv.

Il-FEMSA jappoġġa tali rinnovazzjoni biss jekk din timmira direttament li **ttejjeb is-sikurezza, il-kundizzjonijiet tax-xogħol jew l-effiċjenza enerġetika**. Il-bastimenti żgħar u ta' daqs medju biss (jiġifieri b'tul ta' **inqas minn 24 metru**) jistgħu jirċievu appoġġ.

Hemm salvagwardji ċari fis-seħħ biex tiġi evitata ż-żieda fil-volum li twassal għal kapaċità żejda u sajd eċċessiv.

- Dan huwa kundizzjonali fuq l-installazzjoni sussegwenti ta' faċilità jew apparat li jtejbu s-sikurezza, il-kundizzjonijiet tax-xogħol jew l-effiċjenza enerġetika (eż. akkomodazzjoni għall-ekwipaġġ).

- Dan huwa possibbli biss f'segmenti tal-flotta tas-sajd fejn ma hemm l-ebda kapaċità strutturali żejda.

- Dan irid jiġi kkumpensat mill-irtirar ta' mill-inqas l-istess ammont ta' volum fl-istess segment tal-flotta jew f'segment tal-flotta nazzjonali soġġett għal kapaċità żejda (eż.

permezz tad-dekummissjonar ta' bastiment antik), għalhekk, ma jżidx il-kapaċità ġenerali tal-flotta.

***Kif jista' l-FEMSA jipprovdi kundizzjonijiet għal sajd ekonomikament vijabbli u kompetittiv?***

L-ixprunaturi ewlenin għall-profittabbiltà fis-settur tas-sajd huma l-istokkijiet abbundanti ta' ħut, il-prezzijiet stabbli tal-ħut, il-prezzijiet baxxi tal-fjuwil, il-bastimenti effiċjenti fl-użu tal-enerġija u s-sajjieda tas-sengħa. Uħud minn dawn huma fatturi esterni u ma jiddependux fuq investimenti strutturali.

Il-FEMSA jista' jikkontribwixxi għall-kundizzjonijiet abilitanti strutturali għall-profittabbiltà u l-kompetittività, bħal permezz tal-modi li ġejjin hawn taħt.

- Huwa jista' **jinvesti** f'bastimenti tas-sajd, b'mod partikolari biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u tittejjeb il-kwalità tal-qabdiet. Konsum aktar baxx tal-fjuwil inaqqas il-kostijiet operatorji, u ħut ta' kwalità ogħla jgħin biex il-prezzijiet tas-suq jibqgħu stabbli.

- Dan jista' jiżviluppa **l-ħiliet u l-għarfien** permezz ta' studji tal-fattibbiltà, servizzi ta' konsulenza, valutazzjonijiet tal-impatt u proġetti pilota mxerrda fis-settur tas-sajd kollu.

- Dan jista' **jimmobilizza l-investiment privat** billi juża strumenti finanzjarji (self u garanziji pubbliċi). L-istrumenti finanzjarji huma partikolarment adattati għal investimenti ġodda li mistennija jkunu finanzjarjament vijabbli, iżda li ma jirċevux biżżejjed finanzjament mis-sorsi tas-suq.

- Dan jista' jgħin lis-sajjieda **jiddiversifikaw l-introjtu tagħhom** u jiżviluppaw attivitajiet komplementari fl-ekonomija blu lokali, eż. it-turiżmu, bejgħ dirett, servizzi ambjentali u attivitajiet marittimi kulturali.

***Il-FEMSA kif jappoġġa l-iżvilupp tal-ħiliet?***

L-iżvilupp tal-ħiliet huwa essenzjali għall-kompetittività tas-setturi tas-sajd, tal-akkwakultura u ta' dak marittimu. F'dan ir-rigward, il-FEMSA jista' jappoġġa perеżempju:
- is-servizzi ta' konsulenza
- il-kooperazzjoni bejn ix-xjenzjati u s-sajjieda
- it-taħriġ professjonali
- it-tagħlim tul il-ħajja
- il-promozzjoni tad-djalogu soċjali
- il-kondiviżjoni tal-għarfien.

***Il-FEMSA kif jikkontribwixxi għall-benesseri soċjali u għat-tiġdid ġenerazzjonali fis-sajd?***

Il-PKS għandha l-għan li tipprovdi standard tal-għajxien ġust għal persuni li jiddependu fuq attivitajiet tas-sajd. Dan huwa kruċjali biex jiġi żgurat tiġdid ġenerazzjonali fis-sajd.

Hemm **3 kundizzjonijiet ewlenin** biex is-sajd isir aktar attraenti:

- ġestjoni sostenibbli tal-attivitajiet tas-sajd u tal-flotot fit-tul, meħtieġa għall-profittabbiltà
- kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin abbord
- ħiliet ta' livell għoli.

Il-FEMSA jista' jappoġġa l-investimenti għal dawn l-għanijiet, pereżempju permezz ta':

- it-trawwim tal-kapital uman u **tal-ħiliet** (eż. taħriġ professjonali, it-tagħlim tul il-ħajja u l-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-esperjenza)
- **l-attirar taż-żgħażagħ** fis-settur tas-sajd permezz ta' miżuri ta' edukazzjoni u komunikazzjoni
- l-għoti ta' **appoġġ tal-bidu** lil sajjieda żgħażagħ, eż. permezz ta' ħlas għal sehem mill-ewwel bastiment tas-sajd tagħhom – skema limitata għax-xiri ta' bastimenti żgħar u ta' daqs medju użati (jiġifieri b'tul ta' inqas minn 24 metru)
- it-titjib **tas-sikurezza u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol** abbord il-bastimenti tas-sajd
- it-titjib **tal-bilanċ bejn il-ġeneri** (eż. il-promozzjoni tar-rwol tan-nisa fil-komunitajiet tas-sajd)
- l-iffaċilitar **tar-relazzjonijiet tax-xogħol** li jinvolvu l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

***Il-FEMSA kif jikkontribwixxi għall-għarfien xjentifiku biex tittejjeb il-ġestjoni tas-sajd u tal-ambjent tal-baħar?***

Il-ġestjoni tas-sajd hija bbażata fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli. Dan jiddependi fuq *data* xjentifika armonizzata, affidabbli u preċiża.

Għalhekk, il-PKS tirrikjedi li l-pajjiżi tal-UE **jiġbru *data* dwar il-flotot** u dwar l-attivitajiet tas-sajd tagħhom, speċjalment *data* bijoloġika dwar il-qabdiet, u dwar l-impatt ambjentali potenzjali tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar.

Għal dan l-għan, il-FEMSA jappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin:

- Jgħin lill-pajjiżi tal-UE jiġbru u jipproċessaw id-*data* dwar il-flotot u l-attivitajiet tas-sajd f'konformità mar-Regolament Qafas għall-Ġbir tad-*Data*.
- Jappoġġa l-għoti ta' pariri xjentifiċi għall-ġestjoni tas-sajd.
- Jappoġġa l-ġbir u l-ġestjoni tad-*data* biex tissaħħaħ il-ġestjoni sostenibbli tal-ambjent tal-baħar. Għal dan l-għan, il-FEMSA jiffinanzja n-"network Ewropew ta' osservazzjoni u *data* marittima" (EMODnet) stabbilit biex jagħmel id-*data* dwar il-baħar aktar disponibbli għall-utenti pubbliċi u privati. Din id-*data* tiffaċilita "l-ippjanar tal-ispazju marittimu" biex tikkoordina l-attivitajiet tal-bniedem fuq il-baħar b'mod sostenibbli. Hija tgħin ukoll fl-implimentazzjoni ta' miżuri għall-protezzjoni tal-bijodiversità u tal-ekosistemi tal-baħar.

## *Il-FEMSA kif jgħin biex jitnaqqsu l-qabdiet mhux mixtieqa?*

It-tnaqqis u l-evitar ta' qabdiet mhux mixtieqa huma wieħed mill-objettivi ewlenin tal-PKS. Qabdiet mhux mixtieqa jinvolvu ħut li jew għandu valur baxx fis-suq jew li ma jistax jinbiegħ minħabba li r-regoli tal-PKS ma jippermettux il-qbid tiegħu, eż. jekk:

- ikun taħt id-daqs minimu
- il-kwota tiegħu tiġi eżawrita
- tkun saritlu ħsara
- il-qbid tiegħu jiġi pprojbit.

Ir-rimi ta' qabdiet mhux mixtieqa fuq il-baħar huwa skart sostanzjali ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u jaffettwa b'mod negattiv il-vijabbiltà finanzjarja tas-sajd.

Għalhekk, il-PKS tobbliga lill-bastimenti tas-sajd iħottu l-qabdiet kollha tagħhom ("**l-obbligu ta' ħatt l-art**"). Dan l-obbligu jinkoraġġixxi lis-sajjieda jadattaw ix-xejriet tas-sajd tagħhom biex jevitaw ħela ta' riżorsi. Tabilħaqq, il-ħatt l-art ta' qabdiet mhux mixtieqa li s-sajjieda ma jistgħux ibigħu fiċ-ċirkwit normali tal-kummerċjalizzazzjoni jew li għandhom valur baxx fis-suq jiġġenera kostijiet addizzjonali, u b'hekk telf ekonomiku. L-evitar tagħhom jagħmel l-attività aktar profittabbli.

F'dan il-kuntest, **l-adattament tat-tekniki tas-sajd** huwa kruċjali biex jgħin lis-sajjieda jaqbdu biss il-ħut li jimmiraw għalih, u b'hekk, fl-ewwel lok, jeliminaw il-qabdiet mhux mixtieqa. Għal dan l-għan, il-FEMSA jista' jappoġġa l-innovazzjoni u l-investimenti li jagħmlu t-tekniki u l-irkaptu tas-sajd aktar selettivi, b'rata partikolarment għolja ta' għajnuna pubblika (**100 %**).
Barra minn hekk, l-appoġġ tal-FEMSA jista' jgħin biex jittaffew il-konsegwenzi tal-obbligu ta' ħatt l-art fir-rigward ta' qabdiet mhux mixtieqa li ma jistgħux jiġu evitati. F'dan ir-rigward, huwa jista' jgħin biex tittejjeb l-infrastruttura tal-portijiet tas-sajd biex:

- jiġu ffaċilitati l-ħatt l-art u l-ħżin ta' qabdiet mhux mixtieqa
- jinstabu opportunitajiet għall-qabdiet mhux mixtieqa li jinħattu l-art, għalkemm mingħajr ma jinħoloq suq strutturat għal dawk il-qabdiet.

Dawn l-azzjonijiet jistgħu jibbenefikaw minn rata ta' għajnuna pubblika ta' **75 %**.

## *Il-FEMSA kif jgħin biex titnaqqas il-kapaċità żejda tal-flotta?*

Ċerti segmenti tal-flotta tas-sajd huma soġġetti għal kapaċità żejda, li tirriżulta fi sfruttament żejjed tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar.

Jekk ikun hemm kapaċità strutturali żejda, il-profittabbiltà tkun baxxa minħabba li jkun hemm wisq bastimenti li qed jiġru wara ftit wisq ħut. Għalhekk, sabiex tiġi evitata din is-sitwazzjoni, huwa meħtieġ adattament strutturali tal-flotot tas-sajd ikkonċernati.

Sabiex tiġi eliminata l-kapaċità żejda, il-PKS tirrikjedi li l-pajjiżi tal-UE jieħdu miżuri speċifiċi biex **jallinjaw l-għadd ta' bastimenti tas-sajd** mar-**riżorsi disponibbli**. Dawn il-miżuri huma bbażati fuq valutazzjoni tal-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd tal-flotot u l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għalihom, fil-livell ta' kull segment tal-flotta tas-sajd.

F'dan il-kuntest, il-FEMSA jista' jagħti kumpens finanzjarju lis-sajjieda jekk huma jwaqqfu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom b'mod permanenti. Il-kapaċità tas-sajd eliminata bis-saħħa ta' dan l-appoġġ imbagħad titneħħa b'mod permanenti mill-flotta.

Il-waqfien permanenti jista' jitwettaq jew billi l-bastiment tas-sajd jiġi skrappjat jew inkella billi jiġi dekummissjonat u mmodifikat b'mod retroattiv għal attivitajiet oħrajn. Madankollu, il-bidla għas-sajd rikreattiv ma għandhiex twassal għal pressjoni akbar fuq l-ekosistema tal-baħar.

***Il-FEMSA kif jgħin biex jiġu kkontrollati l-attivitajiet tas-sajd?***

Huwa tal-akbar importanza li l-pajjiżi tal-UE jikkontrollaw l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tagħhom biex **jinfurzaw il-PKS, jipprevjenu s-sajd illegali** u jrawmu **kultura ta' konformità** fis-settur tas-sajd. Dan jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għas-sajjieda madwar l-UE.

Għal dan l-għan, il-FEMSA jgħin lill-pajjiżi tal-UE jimplimentaw is-sistema ta' kontroll tas-sajd stabbilita skont ir-Regolament ta' Kontroll tal-UE. B'mod partikolari, huwa jista' jappoġġa x-xiri ta' mezzi ta' kontroll, eż. droni u bastimenti tal-għassa, li jistgħu jikkontribwixxu wkoll għas-sorveljanza marittima u għall-missjonijiet ta' gwardja tal-kosta.

Il-FEMSA jappoġġa wkoll investimenti f'għodod diġitali maħsuba biex jippermettu kontroll u monitoraġġ tas-sajd trasparenti, effiċjenti u faċli għall-utenti, eż.:

- sistemi ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod
- analiżi awtomatizzata tad-*data*
- identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju
- kejl kontinwu u reġistrazzjoni tal-potenza tal-magna
- televiżjoni b'ċirkwit magħluq abbord.

***Taħt liema kundizzjonijiet il-FEMSA jikkumpensa lis-sajjieda biex iwaqqfu temporanjament l-attivitajiet tagħhom?***

Ċerti **miżuri ta' konservazzjoni** skont il-PKS u ċerti **ċirkostanzi eċċezzjonali** jirrikjedu li l-attivitajiet tas-sajd jieqfu temporanjament. F'każijiet speċifiċi, il-FEMSA jista' jappoġġa kumpens finanzjarju lis-sajjieda għal dan il-waqfien temporanju biex itaffu t-telf ekonomiku tagħhom.

Il-kumpens huwa possibbli jekk il-waqfien tal-attivitajiet ikun ikkawżat minn:

- miżuri għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar (eż. għeluq temporanju ta' rkupru bijoloġiku għal speċi partikolari u/jew f'żona partikolari)
- interruzzjoni, minħabba raġunijiet ta' force majeure, fl-applikazzjoni ta' "ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli" (jiġifieri ftehim iffirmat bejn l-UE u pajjiż mhux tal-UE biex il-bastimenti tas-sajd tal-UE jitħallew jistadu fl-ilmijiet ta' dak il-pajjiż mhux tal-UE)
- diżastru naturali
- inċident ambjentali
- kriżi tas-saħħa (inkluża l-pandemija tal-COVID-19).

Waqfiet li jirriżultaw minn miżuri ta' konservazzjoni jridu jwasslu **biex l-isforz tas-sajd jitnaqqas** abbażi ta' parir xjentifiku, biex jiġi żgurat li fil-fatt jikkontribwixxu għall-protezzjoni jew għar-restawr tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar.

Il-kumpens għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd irid ikun immirat u ma għandux jissostitwixxi l-adattament strutturali tal-flotot tas-sajd, fejn ikun meħtieġ. Għalhekk, ma jistax jingħata għal aktar minn 12-il xahar għal kull bastiment matul il-perjodu ta' programmazzjoni tal-FEMSA.

### *Għaliex il-kostruzzjoni ta' portijiet tas-sajd ġodda ma hijiex eliġibbli għall-appoġġ tal-FEMSA?*

Ma hemm **l-ebda ħtieġa ekonomika** għal portijiet ġodda. Iż-żoni kostali tal-UE diġà huma mgħammra sewwa. Il-kapaċitajiet ġodda jeskludu l-attività mill-portijiet eżistenti, u b'hekk jimminaw il-vijabbiltà ekonomika tagħhom.

Barra minn hekk, il-portijiet il-ġodda **huma għaljin** u l-FEMSA għandu baġit żgħir.

Għalhekk, l-investimenti għandhom jiffokaw fuq **l-infrastruttura eżistenti**.

### *Il-FEMSA kif jikkontribwixxi għal akkwakultura sostenibbli?*

L-akkwakultura tikkontribwixxi għall-potenzjal tal-UE li tipproduċi l-ikel fuq bażi sostenibbli, u b'hekk għandha rwol importanti fil-provvediment ta' sigurtà alimentari fit-tul u provvisti tal-ikel. L-akkwakultura jista' jkollha wkoll skopijiet mhux alimentari, pereżempju, il-prodotti farmaċewtiċi u l-bijoteknoloġija.

Il-PKS tirrikjedi li kull pajjiż tal-UE jiżviluppa **"pjan strateġiku nazzjonali pluriennali"** biex jippromwovi **s-sostenibbiltà**, **il-kompetittività** u **d-diversifikazzjoni** tal-akkwakultura. Il-FEMSA jappoġġa l-azzjonijiet stabbiliti f'dawn il-pjanijiet, pereżempju, fir-rigward ta':
- is-sostenibbiltà ambjentali (inkluż permezz ta' akkwakultura organika, effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u servizzi ta' ġestjoni tan-natura)
- l-investimenti produttivi
- l-innovazzjoni
- id-diversifikazzjoni tal-produzzjoni u tal-attivitajiet
- l-iżvilupp ta' ħiliet professjonali
- it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol
- l-azzjonijiet tas-saħħa pubblika
- l-iskemi ta' assigurazzjoni tal-istokkijiet tal-akkwakultura
- is-saħħa u l-benesseri tal-annimali.

### *Il-FEMSA kif jgħin biex jittejbu s-swieq għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura?*

Is-sigurtà alimentari u l-provvisti tal-ikel jiddependu fuq swieq effiċjenti u organizzati tajjeb għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura biex jiġu żgurati t-trasparenza, l-istabbiltà, il-kwalità u d-diversità tal-**katina tal-provvista**, kif ukoll **l-informazzjoni għall-konsumatur**.

Għal dan l-iskop, il-PKS tinkludi "**organizzazzjoni komuni tas-swieq**", li tirrikonoxxi uffiċjalment "organizzazzjonijiet tal-produtturi" bħala korpi li jirrappreżentaw lill-produtturi tas-sajd u tal-akkwakultura.

Dawn l-organizzazzjonijiet jiżviluppaw u jimplimentaw **"pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni"** biex jimmaniġġaw b'mod kollettiv l-attivitajiet tal-membri tagħhom, b'mod partikolari biex jgħinuhom iqabblu l-provvisti mad-domandi tas-suq.

L-organizzazzjoni komuni tas-swieq tirrikonoxxi wkoll **"organizzazzjonijiet interprofessjonali"**, li jikkonsistu f'kategoriji differenti ta' operaturi fis-sajd u fl-akkwakultura, li jikkoordinaw attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni tul il-katina tal-provvista (jiġifieri l-integrazzjoni vertikali tal-produtturi, tad-distributuri u tal-bejjiegħa bl-imnut).

Il-FEMSA jappoġġa **l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura** f'konformità ma' dawn l-objettivi. B'mod partikolari, huwa jista' jgħin:

- fil-ħolqien ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni tagħhom
- fl-iżvilupp ta' opportunitajiet ta' swieq ġodda
- fil-promozzjoni tat-traċċabbiltà u tal-informazzjoni għall-konsumatur
- fiż-żieda fil-valur għall-prodotti (eż. permezz ta' tikkettar dwar il-kwalità, is-sostenibbiltà jew l-oriġini ġeografika)
- fit-tixrid tal-intelliġenza tas-suq tul il-katina tal-provvista kollha.

***Taħt liema kundizzjonijiet il-FEMSA jappoġġa l-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura?***

L-industrija tal-ipproċessar għandha rwol importanti fl-iżgurar tad-disponibbiltà u tal-kwalità tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

Il-FEMSA jista' jappoġġa investimenti mmirati f'dik l-industrija sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq.

Għal kumpaniji akbar (jiġifieri akbar minn negozji żgħar u ta' daqs medju), l-appoġġ jiġi pprovdut permezz ta' strumenti finanzjarji (self jew garanziji). L-għotjiet diretti huma riżervati għal negozji żgħar u ta' daqs medju.

***Il-FEMSA kif isaħħaħ ir-reżiljenza tas-sajd u tal-akkwakultura?***

Is-sajd u l-akkwakultura huma esposti għal riskji ekonomiċi u ambjentali dejjem jiżdiedu minħabba, fost l-oħrajn, il-pandemija tal-COVID-19, it-tibdil fil-klima u l-volatilità tal-prezzijiet.

Il-FEMSA jista' jgħinhom jadattaw għal din is-sitwazzjoni li qed tinbidel u jisfruttaw opportunitajiet ġodda ta' negozju bħala modi kif tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom.

B'mod partikolari, il-FEMSA jista' jappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin:

- it-trawwim ta' **organizzazzjoni kollettiva** u l-bini tal-kapaċità biex jiġu żviluppati strateġiji ta' negozju kollettivi u jiġi kondiviż l-għarfien (eż. it-twaqqif ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-intelliġenza tas-suq, is-servizzi ta' konsulenza)

- l-istimolu **tar-riċerka u l-innovazzjoni** xprunati mis-suq biex jiġu żviluppati servizzi jew prodotti ġodda b'potenzjal għoli (eż. studji ta' fattibbiltà u proġetti pilota, riċerka applikata għal prodotti ġodda u proċessi ta' produzzjoni ġodda)

- l-appoġġ għall-**investimenti strutturali** li mistennija jkunu finanzjarjament vijabbli, iżda li ma jistgħux jirċievu finanzjament suffiċjenti minn sorsi tas-suq (oqsma ewlenin ta' investiment: l-effiċjenza enerġetika, il-kwalità tal-prodotti, l-ekonomija ċirkolari)

- **id-diversifikazzjoni** tal-attivitajiet tan-negozju u tas-sorsi tal-introjtu (eż. attivitajiet komplementari fl-ekonomija blu lokali, sħubijiet fi ħdan il-komunitajiet lokali)

- it-titjib tal-**ħiliet** biex jiġu koperti l-ħtiġijiet li jirriżultaw minn opportunitajiet ġodda ta' negozju (eż. it-taħriġ professjonali, il-mentoraġġ tas-sajjieda żgħażagħ, it-tagħlim tul il-ħajja, il-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-esperjenza)

- it-tisħiħ tal-**organizzazzjoni tas-suq** biex jiżdied il-valur lill-prodotti u jiġu żviluppati opportunitajiet ġodda (eż. l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni, l-integrazzjoni vertikali tal-produtturi tas-sajd u tal-akkwakultura mad-distributuri u mal-bejjiegħa bl-imnut f'organizzazzjonijiet interprofessjonali)

- iż-żieda fil-kapaċità tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura biex **jiġġestixxu r-riskji** u jirrispondu għal avvenimenti avversi (eż. fondi reċiproċi, strumenti tal-assigurazzjoni, ġestjoni kollettiva tar-riskji ambjentali).

***Il-FEMSA kif qed jappoġġa s-sajd u l-akkwakultura matul il-pandemija tal-COVID-19?***

Jekk il-pandemija tfixkel b'mod sinifikanti s-swieq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, il-Kummissjoni tista' tattiva **miżura ta' emerġenza temporanja eċċezzjonali** biex ittaffi l-konsegwenzi ekonomiċi immedjati. Din il-miżura tippermetti lis-sajjieda u lill-akkwakulturisti jirċievu **kumpens finanzjarju** għat-telf ekonomiku u l-kostijiet addizzjonali tagħhom. Il-Kummissjoni timmonitorja kontinwament is-sitwazzjoni fis-swieq u se tikkunsidra l-azzjonijiet kollha meħtieġa jekk ikun hemm evidenza li s-swieq jiġu mfixkla b'mod sinifikanti.

Il-FEMSA jista' jgħin ukoll lis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura jadattaw għar-rekwiżiti tas-saħħa u tal-iġjene, eż. permezz tax-xiri ta' tagħmir ta' protezzjoni personali.

Barra minn hekk, huwa jista' jiffaċilita l-iżvilupp ta' swieq disponibbli alternattivi temporanji biex jikkumpensaw għall-għeluq tar-ristoranti (eż. bejgħ dirett lill-klijenti).

Fuq perjodu ta' żmien itwal, il-FEMSA jista' jappoġġa l-investimenti lejn reżiljenza aktar b'saħħitha (ara l-mistoqsija preċedenti għad-dettalji).

***Il-FEMSA kif jappoġġa s-sajd kostali fuq skala żgħira?***

"Is-sajd kostali fuq skala żgħira" jitwettaq minn i) bastimenti tas-sajd fuq il-baħar u fl-ilmijiet interni b'tul kumplessiv ta' mhux aktar minn 12-il metru u li ma jużawx irkaptu tas-sajd irmunkat (jiġifieri rkaptu tat-tkarkir), u ii) sajjieda li jistadu mingħajr dgħajsa.

Huwa jirrappreżenta kważi **75 %** tal-bastimenti tas-sajd kollha rreġistrati fl-UE u **kważi nofs** l-impjiegi kollha fis-settur tas-sajd. Għalhekk, huwa għandu rwol soċjoekonomiku importanti fil-komunitajiet kostali lokali.

F'dan il-kuntest, il-FEMSA għandu enfasi speċifika fuq is-sajd kostali fuq skala żgħira.

- Il-proġetti relatati mas-sajd kostali fuq skala żgħira jistgħu jiġu appoġġati b'rata ta' għajnuna pubblika ta' **100 %**, ħlief għal proġetti relatati ma' i) l-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd minn sajjied żagħżugħ, ii) is-sostituzzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' magna u iii) iż-żieda fil-volum ta' bastiment tas-sajd. Ir-rata massima għal dawn il-proġetti hija ta' 40 %.

- Il-pajjiżi tal-UE jridu jqisu l-**ħtiġijiet speċifiċi** tas-sajd kostali fuq skala żgħira fil-programmi tal-FEMSA tagħhom, u jiddeskrivu fihom l-azzjonijiet meħtieġa għall-iżvilupp tiegħu.

- Il-pajjiżi tal-UE jridu jagħmlu ħilithom biex jintroduċu **proċeduri simplifikati** għal negozji tas-sajd kostali fuq skala żgħira li japplikaw għall-appoġġ tal-FEMSA.

***Il-FEMSA kif jappoġġa [r-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE](#)?***

Ir-reġjuni ultraperiferiċi jiffaċċjaw **sfidi** speċifiċi marbuta mal-pożizzjoni remota, it-topografija u l-klima tagħhom. Madankollu, huma għandhom ukoll **assi** speċifiċi li fuqhom tista' tiġi żviluppata ekonomija blu sostenibbli.

F'dan il-kuntest, il-FEMSA għandu enfasi speċifika fuq dawn ir-reġjuni.

- Il-pajjiżi tal-UE kkonċernati (Franza, il-Portugall u Spanja) iħejju **pjan ta' azzjoni** għal kull wieħed mir-reġjuni ultraperiferiċi tagħhom. Dan jiżviluppa **strateġija għall-iżvilupp ta' setturi tal-ekonomija blu sostenibbli**, inklużi s-sajd u l-akkwakultura. Ir-riżorsi finanzjarji huma riżervati biex jgħinu fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni.

- Il-FEMSA jista' jipprovdi kumpens finanzjarju lill-operaturi mir-reġjuni ultraperiferiċi għall-kostijiet addizzjonali li jiffaċċjaw fis-sajd, fil-biedja, fl-ipproċessar jew fil-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura minħabba s-sitwazzjoni speċifika ta' dawk ir-reġjuni.

- Il-proġetti implimentati fir-reġjuni ultraperiferiċi jistgħu jibbenefikaw minn **rata għolja ta' għajnuna pubblika** (85 %).

***Is-sajjieda rikreattivi huma eliġibbli għall-appoġġ tal-FEMSA?***

Is-sajd rikreattiv ikopri l-attivitajiet ta' sajd mhux kummerċjali li jużaw riżorsi akkwatiċi ħajjin tal-baħar għar-rikreazzjoni, għat-turiżmu jew għall-isport.

Is-sajjieda rikreattivi huma eliġibbli għall-appoġġ sa fejn il-proġetti tagħhom jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi tal-fond. Pereżempju, huma jistgħu jipparteċipaw f'azzjonijiet li jipproteġu l-ambjent tal-baħar u fi sħubijiet dwar it-turiżmu marittimu sostenibbli fil-komunitajiet lokali.

*Il-FEMSA kif jgħin fl-iżvilupp ta' ekonomija blu sostenibbli?*

L-ekonomija blu tkopri l-attivitajiet ekonomiċi tradizzjonali u emerġenti relatati mal-oċeani, l-ibħra, il-kosti u l-ilmijiet interni. Din tiddependi fuq l-innovazzjoni u l-investiment f'negozji marittimi li għandhom il-potenzjal li joħolqu **l-impjiegi** u jżidu **l-iżvilupp** fil-komunitajiet kostali lokali, eż. il-bijoekonomija, il-mudelli tat-turiżmu sostenibbli, l-enerġija rinnovabbli bbażata fuq l-oċeani, il-bini ta' bastimenti innovattivi u s-servizz tal-portijiet.

Il-FEMSA jiffoka fuq il-kundizzjonijiet abilitanti għall-iżvilupp tal-ekonomija blu sostenibbli u fuq it-tneħħija ta' konġestjonijiet biex **jiġi ffaċilitat l-investiment** fi swieq, teknoloġiji u servizzi ġodda.

B'mod partikolari, huwa jappoġġa:

- il-governanza marittima għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-bniedem fuq il-baħar b'mod sostenibbli (eż. permezz ta' "ippjanar tal-ispazju marittimu")
- it-trasferiment u l-użu tar-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġija fl-investiment privat
- l-iżvilupp tal-ħiliet marittimi
- it-tixrid ta' *data* ambjentali u soċjoekonomika marittima u tal-baħar
- l-iżvilupp ta' riżervi ta' proġetti għall-ingranaġġ tal-investiment privat.

*Il-FEMSA kif jappoġġa l-inizjattivi lokali fil-komunitajiet kostali?*

L-iżvilupp ta' ekonomija blu sostenibbli għandu rwol ewlieni fis-sostenn tal-komunitajiet kostali lokali.

F'dan ir-rigward, il-FEMSA jappoġġa **s-sħubijiet lokali** fis-setturi marittimi biex il-komunitajiet jingħataw is-setgħa li jimmassimizzaw ir-riżorsi ambjentali, kulturali, soċjali u umani tagħhom u **jisfruttaw l-opportunitajiet** offruti mill-ekonomija blu fl-oqsma speċifiċi tagħhom.

Taħt għodda msejħa "**żvilupp lokali mmexxi mill-komunità**", il-partijiet ikkonċernati mill-komunità stabbilixxew "grupp ta' azzjoni lokali" biex jiżviluppaw u jimplimentaw strateġija lokali. Dan irawwem inizjattivi kollettivi fuq skala żgħira u jippromwovi innovazzjonijiet li jgħinu fl-iżvilupp tal-ekonomija blu lokali u jipproteġu l-ambjent tal-baħar.

Is-sħubijiet lokali jiżguraw involviment u rappreżentanza bilanċjati tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fis-setturi kollha. Huma jistgħu jiffokaw fuq setturi tradizzjonali (eż. is-sajd, l-akkwakultura, it-turiżmu) u/jew irawmu d-diversifikazzjoni ekonomika permezz ta' sinerġiji ma' setturi marittimi emerġenti (eż. il-bijoekonomija blu).

"L-iżvilupp lokali mmexxi mill-Komunità" huwa disponibbli għal kwalunkwe komunità lokali fejn l-ekonomija blu għandha potenzjal li tipprovdi opportunitajiet ekonomiċi, inkluż f'żoni interni.

*Il-FEMSA kif jappoġġa l-aġenda tal-UE għall-governanza internazzjonali tal-oċeani?*

60 % tal-oċeani tad-Dinja jinsabu barra mill-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali. Dan jimplika responsabbiltà internazzjonali kondiviża għall-ġestjoni tagħhom.

F'dan il-kuntest, l-UE għandha l-għan li tixpruna governanza aħjar tal-oċeani fil-livelli bilaterali, reġjonali u multilaterali fl-oqsma li ġejjin:

- il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat
- it-tnaqqis tal-pressjoni umana fuq l-oċeani
- il-ħolqien tal-kundizzjonijiet għal ekonomija blu sostenibbli
- it-tisħiħ tar-riċerka tal-baħar internazzjonali.

Dan qed jgħin biex jintlaħaq l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14 tan-NU ("*il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar għall-iżvilupp sostenibbli*") billi jiġi żgurat li l-oċeani jkunu **f'saħħithom, sikuri** u **ġestiti b'mod sostenibbli**.

Il-FEMSA jappoġġa l-azzjonijiet imwettqa fil-qafas ta' proċessi, ftehimiet u istituzzjonijiet internazzjonali li jirregolaw u jiġġestixxu l-attivitajiet tal-bniedem fl-oċeani (eż. fil-kuntest tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar).

***Il-FEMSA kif jikkontribwixxi għas-sigurtà marittima u għall-kooperazzjoni tal-gwardja tal-kosta?***

Il-protezzjoni tal-fruntieri u s-sigurtà marittima huma essenzjali biex jippermettu **kundizzjonijiet sikuri** għall-ekonomija marittima u biex jipprevjenu mġiba illegali li tagħmel ħsara lill-ambjent tal-baħar.

F'dan ir-rigward, il-FEMSA jappoġġa s-sorveljanza marittima u l-kooperazzjoni tal-gwardja tal-kosta taħt **"l-ambjent komuni għall-qsim tal-informazzjoni"** (**CISE**), li jiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi involuti fis-sorveljanza marittima madwar il-pajjiżi tal-UE u fl-istituzzjonijiet tal-UE.

## Implimentazzjoni u monitoraġġ

***X'inhi r-rata ta' appoġġ tal-FEMSA (taħt "ġestjoni kondiviża")?***

Ir-rata massima standard ta' għajnuna pubblika mogħtija lill-benefiċjarji hija ta' **50 %**.

Madankollu, hemm **derogi** skont il-**valur miżjud** tal-proġett.

Pereżempju:

- hemm rata aktar baxxa (**40 %**) għal **ċerti investimenti individwali** f'bastimenti tas-sajd
- hemm rata ogħla (sa **100 %**) għal proġetti li jikkombinaw **l-innovazzjoni, l-interess kollettiv u l-benefiċjarji kollettivi**, kif ukoll għal dawk relatati mal-**protezzjoni tal-bijodiversità tal-baħar**
- **is-sajjieda kostali fuq skala żgħira** jistgħu jirċievu **100 %** għall-biċċa l-kbira tal-proġetti tagħhom.

**Ir-rata massima ta' kofinanzjament** (jiġifieri s-sehem imħallas mill-FEMSA fin-nefqa pubblika totali ta' proġett) hija ta' **70 %**, bl-eċċezzjoni ta' 100 % għall-kumpens fir-reġjuni ultraperiferiċi biex ikopri l-kostijiet addizzjonali (ara l-mistoqsija dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi).

***Sa liema punt il-FEMSA huwa aktar sempliċi mill-predeċessur tiegħu, li kopra l-perjodu 2014-2020 (il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd)?***

Il-fond preċedenti kien ibbażat fuq deskrizzjoni preċiża u riġida tal-possibbiltajiet ta' finanzjament u r-regoli ta' eliġibbiltà ("miżuri"). Din għamlitha kkumplikata għall-pajjiżi u l-benefiċjarji tal-UE biex jimplimentawh.

Il-FEMSA huwa bbażat fuq **struttura aktar sempliċi** mingħajr miżuri riġidi, bl-użu tal-approċċi li ġejjin:

- Din għandha ***4 prijoritajiet*** li jiddeskrivu l-kamp ta' applikazzjoni ġenerali tal-appoġġ f'konformità mal-objettivi tal-PKS, mal-politika marittima tal-UE u mal-aġenda tal-UE għall-governanza internazzjonali tal-oċeani:

    (1) *it-trawwim ta' sajd sostenibbli u r-restawr u l-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi akkwatiċi*

    (2) *it-trawwim ta' attivitajiet tal-akkwakultura sostenibbli, u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, u li b'hekk jikkontribwixxu għas-sigurtà alimentari fl-Unjoni*

    (3) *l-iffaċilitar ta' ekonomija blu sostenibbli fiż-żoni kostali, insulari u interni, u t-trawwim tal-iżvilupp tal-komunitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura*

(4) *it-tisħiħ tal-governanza internazzjonali tal-oċeani u l-iffaċilitar biex l-ibħra u l-oċeani jkunu sikuri, siguri, nodfa u ġestiti b'mod sostenibbli.*

- Kull prijorità tinkludi ***objettivi speċifiċi***, li jiddeskrivu b'mod wiesa' l-kamp ta' applikazzjoni operazzjonali tal-appoġġ tul oqsma tematiċi (eż. il-protezzjoni tal-bijodiversità, il-promozzjoni ta' akkwakultura sostenibbli, il-ġbir ta' *data* xjentifika).

- *Hemm **regoli ta' eliġibbiltà limitati** fil-livell tal-UE.* Huwa f'idejn il-pajjiżi tal-UE li jiżviluppaw fil-programmi nazzjonali tagħhom tal-FEMSA l-aktar mezzi xierqa biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti f'konformità mal-erba' prijoritajiet. Dawn għandhom flessibbiltà fl-issettjar tar-regoli ta' eliġibbiltà.

- *Hemm **kundizzjonijiet** u **restrizzjonijiet** għal ċerti tipi ta' sussidji.* Ir-Regolament dwar il-FEMSA jinkludi lista ta' operazzjonijiet ineliġibbli biex jiġu evitati impatti detrimentali fuq is-sostenibbiltà (eż. investimenti li jżidu l-kapaċità tas-sajd). Barra minn hekk, ċerti kategoriji ta' sussidji għall-flotta tas-sajd huma soġġetti għal regoli speċifiċi ta' eliġibbiltà biex tiġi żgurata l-konsistenza tagħhom mal-objettivi ta' konservazzjoni tal-PKS (eż. magna ġdida installata fuq bastiment tas-sajd ma jistax ikollha aktar potenza minn dik li qed tiġi sostitwita).

- ***Monitoraġġ tal-prestazzjoni***: l-implimentazzjoni tal-FEMSA tiġi mmonitorjata b'indikaturi tal-output u tar-riżultati. Il-pajjiżi tal-UE jirrapportaw dwar il-progress li sar biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-programmi tagħhom u, f'laqgħa ta' rieżami annwali, jiddiskutu l-progress li sar fl-implimentazzjoni mal-Kummissjoni. Dan jippermetti li kwistjonijiet potenzjali ta' implimentazzjoni jiġu skoperti kmieni u jidentifika azzjonijiet korrettivi, jekk ikunu meħtieġa.

***Il-Kummissjoni kif tivvaluta l-programmi tal-FEMSA qabel ma tapprovahom?***

Taħt "ġestjoni kondiviża", kull pajjiż tal-UE jħejji programm nazzjonali wieħed, li l-Kummissjoni tapprova wara valutazzjoni fil-fond. F'din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni tqis il-kontribut tal-programm għall-prijoritajiet komuni tal-FEMSA u għall-objettivi ta':

- reżiljenza
- tranżizzjoni ekoloġika
- tranżizzjoni diġitali
- sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali
- mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih
- żvilupp ta' sajd kostali sostenibbli fuq skala żgħira.

Il-Kummissjoni tivvaluta wkoll il-programmi abbażi tal-Analiżi tal-Baċiri tal-Baħar, dokument pubbliku li jindika l-isfidi ewlenin ta' kull baċir tal-baħar rigward l-objettivi tal-PKS. Dik l-analiżi għandha l-għan li tiggwida lill-pajjiżi tal-UE fl-indirizzar tal-isfidi komuni tal-baċiri tal-baħar fil-programmi tagħhom.

***Kif inhuma strutturati l-programmi nazzjonali tal-FEMSA?***

Programm nazzjonali tal-FEMSA huwa **pjan direzzjonali strateġiku għall-investiment pubbliku** bejn l-2021 u l-2027. Huwa jiddeskrivi azzjonijiet imfassla apposta biex jirrispondu għall-isfidi speċifiċi identifikati mill-pajjiż tal-UE fir-rigward tal-prijoritajiet komuni tal-UE għall-bijodiversità tal-baħar, il-politika marittima u s-sajd u l-akkwakultura sostenibbli.

Hemm **4 taqsimiet ewlenin** fil-programmi:

- L-**identifikazzjoni tal-ħtiġijiet**: dawn huma sostnuti minn analiżi dwar il-punti ta' saħħa, id-dgħufijiet, l-opportunitajiet u t-theddid.

- L-**iżvilupp ta' azzjonijiet xierqa**: Il-pajjiżi tal-UE jiddeskrivu azzjonijiet speċifiċi biex jirrispondu għall-ħtiġijiet tagħhom bl-appoġġ tal-FEMSA.

- L-**iffissar ta' miri** għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati: Il-pajjiżi tal-UE jistabbilixxu miri bbażati fuq indikaturi tal-output u tar-riżultati biex jirriflettu l-effetti mistennija tal-azzjonijiet appoġġati mill-FEMSA.

- Id-**distribuzzjoni tar-riżorsi finanzjarji** fl-objettivi speċifiċi tal-fond f'konformità mal-istrateġija ġenerali tal-programm.

***Kif tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-FEMSA?***

L-implimentazzjoni tal-FEMSA tiġi mmonitorjata kontinwament b'mod trasparenti.

- Darbtejn fis-sena, il-pajjiżi tal-UE jirrapportaw dwar il-valuri tal-indikaturi magħżula fil-programmi tagħhom tal-FEMSA. Din l-informazzjoni tiġi aggregata fil-livell tal-UE u ssir disponibbli għall-pubbliku.

- 5 darbiet fis-sena, il-pajjiżi tal-UE jirrapportaw dwar l-għadd ta' proġetti magħżula u dwar il-kost finanzjarju tagħhom. Din l-informazzjoni tiġi aggregata fil-livell tal-UE u ssir disponibbli għall-pubbliku. Hija tiġi diżaggregata skont l-oqsma tematiċi.

- Darbtejn fis-sena, il-pajjiżi tal-UE jirrapportaw dwar il-karatteristiċi dettaljati ta' kull proġett u benefiċjarju. Il-Kummissjoni tuża din l-informazzjoni għal rapportar *ad hoc* regolari.

- Il-Kummissjoni tiddiskuti l-implimentazzjoni tal-FEMSA ma' kull pajjiż tal-UE f'laqgħa ta' rieżami annwali. Din il-laqgħa għandha l-għan li tidentifika kwistjonijiet potenzjali fil-programm nazzjonali tal-FEMSA u azzjonijiet korrettivi, jekk ikunu meħtieġa.

- Sat-30 ta' Ġunju 2029, kull pajjiż tal-UE se jevalwa l-programm tiegħu tal-FEMSA biex jivvaluta l-impatt tiegħu.

- Sa tmiem l-2024 u sussegwentement sa tmiem l-2031, il-Kummissjoni se tevalwa l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tal-FEMSA b'mod ġenerali.